14 ta' Ġunju, 1952.

Imħallef :—

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* William Bellizzi

## "Relief" — Piena — Art. 23 tal-Kodiċi Kriminali.

*L-artikolu 23 tal-Kodiċi Kriminali ma għandux jingħata mill-Qorti "sic et simpliciter" għax ir-reat "de quo" jkun l-ewwel wieħed li kkommetta l-imputat; għaliex il-liġi trid ukoll li dak ir-reat ikun "of a trivial nature", u li jitqiesu ċ-ċirkustanzi li taħthom l-istess reat ikun ġie kommess.*

*Fil-każ preżenti, fejn l-imputat kien akkużat li ħa r-"relief" tal-Gvern f'ammont akbar milli kien jistħoqqlu u ripetutament, il-Qorti rriteniet li l-każ ma kienx tali li kienet applikabili dik id-dispożizzjoni tal-liġi; u għalhekk il-Qorti ċaħdet it-talba għall-applikazzjoni ta' l-art. 23 tal-Kodiċi Kriminali, inattiż il-fatt tas-saħħa malferma u tal-faqar ta' l-imputat, allegati mid-difiża.*

Dan hu appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Għawdex, li biha l-appellant William Bellizzi nstab ħati tar-reat kontinwat ta' ġurament falz u tar-reat kontinwat ta' qliegħ b'qerq ta' ammonti, kull darba, mhux superjuri għal £3, u kundannat għall-piena tal-lavuri furzati għal żmien erba' xhur, bl-interdizzjoni ġenerali u dik li jservi bħala xhud barra fil-ġudizzji, u bħala perit f'kull każ, għal żmien ħames snin;

L-appell hu ċirkoskritt għat-talba ta' l-applikazzjoni ta' l-art. 23 Kod. Kriminali, ċjoè tal-benefiċċju tal-"first offenders";

Wara li semgħet l-argumenti, din il-Qorti rriflettiet;

L-Imħallef sedenti kellu diversi okkażjonijiet biex ifisser il-fehma tiegħu, f'sentenzi minnu mogħtija, li l-art. 23 Kap. 12 ma għandux jingħata, "sic et simpliciter", għax ir-reat "de quo" jkun l-ewwel wieħed li jkun ikkommetta l-imputat. Kieku kien hekk, allura kienet tkun qiegħda tiġi gravement improprjata l-lokuzzjoni ċara tal-liġi, ċjoè li minbarra l-element ta' nuqqas ta' kommissjoni ta' reati preċedenti, trid ukoll li r-reat ikun "trivial", u trid li jitqiesu ċ-ċirkustanzi li taħthom ir-reat ikun ġie kommess;

Jista' jgħati l-każ — u l-esperjenza forensi fforniet illustrazzjonijiet prattiċi diversi — ta' reat ta' offiża gravi, jew ta' serq, jew ta' frodi, jew ta' xi reat ieħor punibili b'mhux aktar minn sentejn lavuri furzati jew priġunerija, fejn il-kumpless taċ-ċirkustanzi jirrendi l-fatt "trivial", u jista' jiġi applikat, skond il-liġi, l-art. 23;

Il-każ preżenti, fil-fehma ta' l-Imħallef sedenti, ma hux "trivial". Is-sistema tar-"relief" mogħti mill-Gvern, biex ikun konsonu għall-ekonomija tal-pajjiż, hemm bżonn li ma jiġix imfixkel billi, minħabba ngann, tingħata lil dak jew dan somma ta' relief aktar minn dik li tagħtih il-liġi. Kien ikun ta' gwaj kbir kieku kellha tiġi kunsidrata bħala ħaġa ħafifa li

wieħed jieħu r-"relief" f'miżura akbar milli ħaqqu, għaliex dolożament jaħbi li jiddikjara x'riżorsi oħra għandu fl-interezza tagħhom. Il-liġi riedet li d-dikjarazzjonijiet li jiffurmaw il-bażi tal-għoti tar-"relief" jiġu konfermati b'ġurament; u riedet dan appuntu biex tassikura li ma jsirux inganni għad-dannu ta' l-erarju;

Mhux biss, imma f'dan il-każ l-appellant ippersista fil-"mens rea", għaliex il-falsità irripetiha diversi drabi. Lanqas hija ndifferenti s-somma ta' dak li l-appellant irċieva bla ma kien imissu — ċirkustanza li talvolta setgħet, flimkien ma' oħrajn, meta jkun hemm oħrajn, tinklina lill-Qorti għall-konsiderazzjoni tal-benefiċċju fuq imsemmi. Is-somma infatti kienet kważi £200, ċjoè £199. 6. 0;

Il-Qorti tħoss li tkun qiegħda tistultifika ruħha kieku kellha tgħid li hi "trivial" l-azzjoni kriminuża ta' min, b'egħmil qarrieqi ripetut diversi drabi, jiffroda lill-Gvern billi jieħu mal-£200 aktar milli jmissu,

Iċ-ċirkustanzi tas-saħħa malferma ta' l-imputat, u dik tal-povertà tiegħu, allegati mid-difiża, ankorkè veri, ma humiex fatturi li għandhom jitqiesu; għax ir-"relief" hu dak li tagħti l-liġi, u ħadd ma jista', b'qerq, għax fqir jew mhux b'saħħtu, jieħu aktar milli jmissu;

Għalhekk tiċħad l-appell kif limitat, u tikkonferma "in toto" s-sentenza appellata.

---